Kunsill Lokali
Għajnsielem

---

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**IT-TMIEN KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 48 – 20 ta' Frar 2023**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficju tal-Kunsill Lokali Għajnsielem nhar it-Tnejn 20 ta' Frar 2023 fl-4:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti** | Kevin Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Teddy Saliba | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

**48.1 Talba**

48.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Kevin Cauchi.

**48.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

48.2.1 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

**48.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija**

48.3.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**48.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

48.4.1 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għal-laqgħa li kellu nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Frar mal-Inġinier tal-Enemalta John Mizzi u s-Segretarju Amminsitrattiv tal-Kurja, s-Sur Anthony Bezzina sabiex jiġi diskuss xi forma ta' ftehim mal-Kurja tagħti permess lil Enemalta twaħħal tlett arbli f'art fi Triq Dun Franġisk Mizzi li hija intiża li ssir triq iżda fil-preżent għada mhix żviluppata. Dan sabiex jitgħadda cable ġdid tad-dawl sabiex ttafi xi ftit mill-load tal-enerġija li hemm fiż-żona ta' madwar Pjazza Tolfa. Is-Sur Bezzina wegħdu li se jkellemna lura fil-ġranet li jmiss.

48.4.2 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għall-offerta li għogbu jagħti lill-Kunsill is-Sur Joe Debono fejn ppreżenta żewġ 'eletric motor wheelchairs' sabiex il-Kunsill jara li jkunu ta' servizz għal kommunita t'Għajnsielem. Il-Kunsill jixtieq jirringrazzja lis-Sur Debono ta' dan il-ġest ferm nobbli u nagħmlu preżentazzjoni tagħhom.

48.4.3 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għat-tqassim tat-trofej tal-Gozo Tri Marathon fil-port tal-Imġarr organiżżata mis-Sur Michael Bongalias ta' TriGozo. Il-Kunsill kien sponsor ta' din l-attivita'. Is-Sindku rrefera wkoll għall- intervista li kellu rigward Festa Roti.

48.4.4 Is-Sindku għamel ukoll referenza għal-laqgħa li kellu mal-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar Stefan Zrinzo Azzopardi. Dan offra li jagħti l-għajnuna tiegħu dwar l-problema ta' irregolajitajiet li hemm ta' Passi u sabiex din iż-żona tinbidel f'park nazzjonali li jintuża wkoll għal attivitajiet kulturali. Fil-preżent f'Ta' Passi kollox huwa illegali u kif inhuma l-affarijiet ma nistgħu nirrangaw qatt. Is-Sindku semma' li sadanittant ġie kkuntatjat il-Perit Edward Serri sabiex jiġu proposti emendi fil-pjan lokali li anke jinkorpora fih il-bini ta' wara l-każin tal-Banda, trakka tar-roti u parkeġġ taħt l-art. Il-Perit Scerri se jkun qed jaħdem fuq dan il-pjan għax irid jinbidel il-Pjan Lokali u jsir Block Plan. Is-Sindku spjega li talbuna nagħmlu parkeġġ taħt l-art u ninkludu wkoll ċ-Ċentru Ċiviku u t-trakka tar-roti. Huma saħħqu fuq l-importanza li ninkludu kollox fuq il-Block Plan. Is-Sindku talab sabiex meta niġu biex niddiksutu Ta' Passi talab li jiltaqa' mal-Viċi Sindu biex niddiskutu l-ħtiġijiet biex jiġi akkomodat kollox. Is-Sindku saħaq li mportanti wkoll li fil-proġett tiġi nkluża Bocci Pitch. Is-Sindku spjega wkoll kif il-Perit Godwin Sultana sadanittant kellu l-pjanti kollha lesti għall-proġett ta' parkeġġ taħt l-art inkarigat lilu mill-Ministeru għal Għawdex. Il-Kunsill qabel li għandna nirringrazzjawh tal-interess u nispjegawlu li dan issa qed jintalab sabiex isir Pjan ħolistiku.

48.4.5 Is-Sindku għamel referenza għall-problema li nqalgħet wara li l-ġbir tal-iskart inbidel f'waħda nazzjonali. Din kienet dik li ma stajnix nibqgħu għaddejjin bl-istess sistema tal-iskips għall-ġbir tal-iskart minn Forti Chambray. Fil-preżent il-Kunsill qiegħed jipprovdi skips sabiex ir-residenti jarmu skart mhux separat fih. Iżda billi mit-2 ta' Jannar nbidlet l-iskeda u l-iskart waqa taħt ir-responsabilta tar-reġjun, iċċekjajna eżatt x'se jiġri fuq Chambray anke fid-dawl li se jiżdiedu in-numru ta' residenzi f'din il-Fortizza. Minn korrispondenza li sibna mid-Dipartiment hemm struzzjonijiet ċari li din mhix fl-iskeda ta' ġbir u għanda titqies bħala privata ċioe bil-waste managment plan tagħhom. Għalhekk infurmajna lil managment ta' Fort Chambray bil-miktub dwar dan u anke lill- Manager Reġjonali tar-Regjun Għawdex. . Fuq bonavolonta tal-Kunsill, ser naghtu kunsens sa l-1 t'April 2023 sabiex Forti Chambray jsibu mezz kif se jibdew jieħdu ħsieb li isir il-ġbir tal-iskart minn naħa tagħhom.

48.4.6 Is-Sindku għamel referenza għal-laqgħa li kellu flimkien mal-Viċi Sindku mal-Familja Evans fejn aċċettaw li jagħtu donazzjoni ta' elf Euro sabiex tinxtara siġra taż-żebbuġ u b'risq il-proġett tal-playingfield tal-Gudja. Il-Vici Sindku Franco Ciangura minn naħa tiegħu rrefera għall-plakka tas-siġra li tħawwlet fil-Playing Field Amabile Cauchi u għal fatt li din ġiet imneħħija. Is-Sindku wieġeb li mhux problema li terġa ssir peress li x'aktarx ħaduha t-tfal b'xi vandalizmu.

48.4.7 Is-Sindku Kevin Cauchi ippreżenta r-rendikont ta' dħul u nfieq għat-tiżjin u attivtijatjiet tal-Milied u ta' Bethlehem f'Għajnsielem. Ir-rapport ta' Bethlehem f'Għajnsielem eventwalment se jinbgħat wkoll lil għaqdiet sabiex jiġi apprezzat is-sehem li jagħti l-Kunsill f'din l-attivita'. Huwa importanti li l-ispejjez għall-attivitajiet li għadna pjanati din is-sena ma jinqabżux u nibqgħu mal-budget. Bħala donazzjonijiet minn din l-attivita', il-Kumitat ta' Bethlehem f'Għajnsielem daħħal is-somma ta' €7726. Waqt il-laqgħa ġie preżentat ir-randikont tad-dħul u l-infieq tal-attivita' ta' Bethlehem f'Għajnsielem u tal-attivitajiet tal-Milied .

**48.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

48.5.1 Il-kunsillier Stephen Mercieca faħħar lill-Kunill talli rnexxielu jakkwista €5000 bħala fondi biex itella' għall-ewwel darba l-attivita' tas-St. Patricks f'Għajnsielem.

48.5.2 Il-Kunsillier Stephen Mercieca staqsa jekk din is-sena aħniex ser norganizzaw xi ġita barra minn Malta għar-residenti. Is-Sindku wieġbu li minħabba l-volum ta' xogħol li għandna mhux ser ikun possibli peress li tinħtieġ ħafna preparamenti. Huwa propona li minflok naraw norganizzawx weekend break f'lukanda f'Malta.

48.5.3 Il-Kunsillier Stephen Mercieca rrefera għal-platform li kienet saret għall-għassa mil-Pulizija mal-Parkeġġ riservat tal-Magistrat. Peress li ma għadhiex tintuża huwa talab li titneħħa u jitkisser il-konkos. Sar qbil li għandna nibgħatu email dwar din it-talba lis-Supretendent tal-Pulizija.

48.5.4 Il-kunsillier Teddy Saliba għamel referenza għat-tarag li jinsab fi triq wara l-Grand Hotel peress li ttiekel u ġie jiżloq ħafna. Sar qbil li għandna nirranġawh max-xogħol tat-triq.

48.5.5 Il-kunsillier Stephen Mercieca għamel referenza għal-palm li hemm wara l-knisja għax peress li jinsabu magħluqin bil-ġebel jinsabu fil-periklu li jmutu. Huwa talab sabiex niġbdu l-attenzjoni tal-Parroċċa dwar dan.

48.5.6 Il-kunsillier Teddy Saliba għamel referenza għall-inkarigu li ngħata lilu sabiex jitnaddfu l-latrini pubbliċi ta' l-Imġarr. Hu kkonferma li sab kumpanija li lesta li tnaddafhom hi.

48.5.7 Il-Kunsillier Teddy Saliba propona sabiex isir speċi ta' water culvert żgħir quddiem l-uffiċju tal-Kunsill peress li jżomm l-ilma quddiem ir-rampa tal-kunsill. Sar qbil li dan jista jsir permezz tal-ħaddiema tal-Kunsill.

48.5.8 Il-kunsillier Teddy Saliba ssuġerixxa sabiex sabiex jibdew diskussjonijiet u nibdew fuq bażi ta' prova nipprattikaw in-*neighbourhood watch.*

48.5.9 Il-kunsillier Teddy Saliba għamel referenza għall-imbarazz li qed jiġi kkaġunat ħdejn l-entratura tal-Kunsill ħdejn it-trolley tal-electronics. Is-Sindku wieġbu li dan l-inkonvenjent issa jista jiġi kkontrollat hekk kif ninstallaw il-cameras.

48.5.10 Il-kunsillier Teddy Saliba rrefera għall-esebizzjoni li ser jtellgħu f'Ruma l-Għaqda Ħbieb tal-Presepju u għamel referenza għas-Sur Paul Stellini li ġie nominated bħala ambaxxatur tal-presepji.

48.5.11 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura rringrazzja lill-Kunsill tal-organizazzjoni ta' Bethlehem f'Għajnsielem u talab sabiex nagħmlu laqgħa mal-Għaqdiet biex niġbdu l-attenzjoni għal xi nuqqasijiet li seħħew biex għal snin oħra ma jerġgħux jirrepetu ruħhom.

48.5.12 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura rringrazzja wkoll lill-Kunsill tal-attrazzjonijiet li ġew afdati lilu f'dawk li huma l-Christmas Tree u l-linef, liema attrazzjonijiet intlaqgħu tajjeb ħafna. Huwa talab li jekk xi darba jkun hemm xi attivitajiet bħala recycled days f'Malta għandhom jiġu esebiti sintendi jekk jgħinuna fl-ispejjes ta' transportazzjoni tagħhom.

48.5.13 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura rrefera għall-attrazzjoni ġdida li jixtieq jorganizza bħala Kunsill flimkien mal-Parroċċa għall-żmien il-Għid, dik ta' Is-Salib, Ġesu u Int. Saret referenza għall-applikazzjoni li għamel il-Kunsill għall-fondi mill-Cultural Fund tal-Ministeru għal Għawdex u bi pjaċir tħabbar li ħadna €4000. Huwa spjega li l-kunċett ser ikun ta' salib twil u jsir billi jintuża tower crane. It-tower crane ser jiġi mwieżen minn blokok tal-concrete li ser isiru apposta fuq il-post u fuq is-salib ser issir l-figura ta' Kristu magħmula miċ-*chicken wire* u ser issir minn Rudolph Cauchi.

48.5.14 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura reġa fakkar fir- railing ta' ħdejn ir-Rexy. Is-Sindku wieġbu li jinsab lest iżda qed niġru wara s-supplier biex iwaħħlu.

48.5.15 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura għamel referenza għall-email mibgħuta mis-Sur Alex Said fejn talab sabiex fil-Keep Clear li hemm quddiem l-għalqa tiegħu fi Triq Martino Garces isiru xi tip ta' bollards biex ikun jista jidħol bil-moħriet. Sar qbil li għandna nibgħatu din it-talba lill-Transport Malta.

48.5.16 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura rrefera għad-dumping illegali li qed isir fi TriqĠużeppi Cauchi. Ġie spjegat kif dik il-parti tat-triq hija kkunsidrata bħala privata.

48.5.17 Il-Vici Sindku Franco Ciangura għamel referenza għal fatt li din is-sena Greccio ser jiċċelebraw it-800 sena minn meta sar l-ewwel presepju ħaj. Huwa propona li għandna norganizzaw xi symposium ta' Town for Citizens biex b'hekk aħna nkunu qed nagħtu aktar saħħa lill-presepju tagħna.

48.5.18 Is-Sindku Kevin Cauchi propona li sadanittant irridu naħsbu kif ser jinvitawna ta' Loretu. Il-kunsillier Larry Buttigieg propona li mmorru bħala delegazzjoni f'Mejju iżda s-Sindku wieġbu li huma jixtiequna mmorru għall-festa tagħhom f'Settembru.

### 48.6 Approvazzjoni tal-Financial Statements 2022

48.6.1 Ġew preżentati l-Financial Statement 2022 u l-Kunsill innota b'sodisfazzjon li minkejja n-numru ta' proġetti u attivitajiet li wettaq irnexxielu jispiċċa s-sena b'bilanċ. L-Accountant tal-Kunsill tat spjegazzjoni u faħħret lill-Kunsill tal-amministrazzjoni tiegħu biex irnexxielu jegħleb l-iżbilanċ fi żmien sena biss. Il-Kunsill approva l-unaudited Financial Statements 2022.

### 48.7 Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2023

48.7.1 Ġew preżentati l-Estimi Finanzjarji għas-sena 2023 u lista tal-proġetti kapitali. Il-Kunsill qabel mal-kontenut u li l-estimi għandhom jiġu approvati u jintbgħatu lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

### 48.8 Approvazzjoni tar-Rapport tal-Evalwazzjoni tat-Tender ghal-Plumbing tal-Latrina tal-Pjazza, tal-Finishings tal-Marine Interpretation Centre u dak ta' Triq Daħla tal-Għama

48.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat ir-rapporti tal-Bordijiet tal-Evalwazzjoni tal-offerti fuq imsemmija.

48.8.2 Għall-offerta tal-Plumbing u elettriku tal-Latrina tal-Pjazza tad-Dehra l-Bord irrakkomda li l-għazla għadha taqa' fuq l-orħos offerta li hija kompatibbli dik ta' Richard Cauchi għall-prezz ta' €12821.55 eks VAT. Il-Kunsill ikkonferma r-rapport u qabel li għandu jipprocedi bl-award u l-kuntratt tal-offerta.

48.8.3 Għall-offerta tal-Finishings tal-Marine Interpretation Centre, il-Bord irrakkomanda li l-unika offerta li ntefgħet hija dik ta' Mark Attard għall-prezz ta' €41,312.50 eks VAT u hija kompatibbli. Il-Kunsill qabel li għandu jibghatlu l-Letter of Acceptance u jiffirma l-kuntratt tax-xogħol.

48.8.4 Għall-offerta ta' Daħlet l-Għama, wara li saret l-Evalwazzjoni u ntbaghtu xi kjarifiċi, il-Bord irrakkomanda li l-għażla għandha taqa' fuq l-orħos offerta kompatibbli, dik ta' Peter Paul Said għall-prezz ta' €28,287.90 eks VAT.

### 48.9 Aġġornament dwar il-Proġetti Kapitali

-

**48.9.1Ghajnsielem Learning Garden** - Is-Sindku Kevin Cauchi spjega kif ix-xogħol fil-playingfield tal-Gudja għaddej ġmielu. Beda t-twaħħil tal-play equipment. Ghal canopies tal-injam inġabru żewġ stimi, waħda ta' €6,180 li jintuża injam tal-aħmar u oħra l-iroko li tiġi tiswa madwar €1,750 aktar. Sar qbil li possibilment għandna niġbru żewg stimi oħra u nipproċedu fuq l-orħos waħda peress li ma tantx fadal żmien.

48.9.2 Tlabna stima oħra għall-konkrit tat-tunnel ġbarna stima mingħand Jason Cutajar ghall- prezz ta' €6,300. Sar qbil ukoll li jekk inhu possibbli niġbru aktar stimi. Is-sindku spjega wkoll li nġabru tlett stimi tas-siġar u arbuxelli skont kif indikat minn hetroculist tal-kunsill is-Sur Joseph Bonello.

48.9.3 Dawn l-aħħar jiem huwa ħa ħsieb li jmur jara s-siġar mniżżlin fl-istimi sabiex ikun ċert li ssir l-aħjar għażla mhux biss ta' prezz iżda wkoll ta' kwalità inġabru tliet snin mingħand tliet suppliers differenti u x-xiri tas-siġar ser jinqasam bejn it-tlett suppliers skond l-adattament. Hu spjega wkoll li fejn ġejja it-tunnel hu maħsub li jsir bil-konkrit decorative works minflok ġebel tas-sejjieħ sabiex ikun aktar attraenti u sigur għat-tfal. Ser jinħadmu xi passaġġi fil-ġnub u ser tingħata dehra ta' blat u arbuxelli u xtieli ħerġin minnu sabiex jaghti aktar dehra naturali. Sar qbil ukoll li għandhom jinxtraw xi bins pariġġ il-bankijiet li ser jiġu provduti mill-kuntrattur skond kif stipulat fit-tender. Is-sindku ppropona li jekk jifdal xi savings għandna nintroduċu interactive panel edukattiva f'dan is-sit. Ser isiru wkoll tabelli nformattivi bil-braille sign language.

Is-Segretarju Ezekuttiv preżentat l-ewwel take-off bill ta' dan il-progett mill-kuntrattur Mark Attard u kif certifikat mill-Perit Shawn Micallef li jammonta ghall- €111,577.06. Il-

Kunsill qabel li ghandu jgħaddi parti mill-ħlas għall-ammont ta' €50,000 mill-fondi miksuba mill-iskema SPI/SCI/9/2022 tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Il-kumplament tal-kont jigi prezentat aktar il-quddiem sabiex jitħallas mill-proġett tal-Unjoni Ewropea taħt miżura 19.2 u minn skemi oħra.

**48.9.4 Triq Hamri** - Is-sindku spjega kif sfortunatament il-kuntrattur ta' triq Hamri reġa' waqaf mix-xogħol u qegħdin kontinwament niġru warajh sabiex ikompli x-xogħol9 minnufih.

**48.9.5 Pjazza Tolfa** - Għal dan il-proġett is-sindku spjega kif l-istess qed nistennew mingħand il-perit għal aktar dettalji u specifications għax-xogħlijiet li fadal

**48.9.6 Sqaq fi Triq Hamri / Bejlikk** - Għax-xogħol ta' pavimentar f' dan l-isqaq is sindku rrefera għal stima ta' porfido minghand Mark Attard, dik ta ewro kull metru kwadru li hija simili għall-istimar iġibna tal-istensil iżda ta' kwalità ħafna aħjar. peress li l-area hija żgħira is-somma mhix mistennija li taqbeż il-ħamest elef ewro. il-kunsill qabel li għandna nipproċedu fuq din l-istima

**48.9.7 Librerija u ċentru marittim** - Is sindku rrefera għall-proġett tal-librerija fejn spjega li s-sular ta' fuq issa huwa msaqqaf, il-bridge jinsab lest hu it-tender tal-finishing ġie awarded. Qed nistennew lid-designer Paul Stellini sabiex jiffinalizza l-aħħar disinni filwaqt li għaddejjin diskussjonijiet fuq l-interpretation panels u equipment ieħor li ser jiġi ffinanzjat mill-programm interreg Amppa u anke eventwalment mill-programm l-ieħor Interreg Corallo sabiex ikollna sala verament tirrifletti dak kollu li għandu x'jaqsam mal-baħar ta' madwarna u l-protezzjoni tas-sajd. Is-sindku spjega kif qed jiġi propost li titpoġġa dgħajsa f' dan iċ-ċentru u wkoll inxtraw xi interactive panels u interactive screens għat-tfal.

**48.9.8 - Public Convenience** - Rigward il-proġett tal-latrina tal-pjazza x-xogħol inbeda u qed nistennew stima sabiex ir-rampa titwal sad-dahla tal-latrina tal-irgiel, biex tiġi konformi mar-regolamenti tal-KNDP U ser tkun wiesgha 1.2 metri.

48.9.9 **Proġett – Belveder Triq Qigħan** - Saret referenza għall-fatt li saret laqgħa fuq il-post u il-kuntrattur immarka fejn ġejjin il-bankijiet. Fuq parir tas-Sur Joseph Bonello huwa pjanat li minflok planters jitħawwlu siġar tal-palm sabiex jkun hemm anqas manutenzjoni t'ilma u ma jostakolawx il-veduta. Qed jiġi propost li l-palm ndawruh bil-mosaic bħal belveder ta' Sant'Eliju filwaqt li f'nofs it-triq nagħmlu il-

kelma 'Qigħan' mdawra bin-natura minn team mosaic. Il-Kusill qabel ma dan.

**48.9.10 Proġett ta' Bollards, pavimentar u lluminazzjoni quddiem il-każini.** - Is-Sindku spjega kif l-Inginera ta' Galea Curmi qed jaħdmu fuq tender tal-illuminazzjoni ġdida quddiem l-każini. Huwa għamel referenza għad-decizzjoni li kien ha l-Kunsill sabiex it-tlett fanali li hemm quddiem it-taraġ ta' Pjazza 10 ta' Diċembru jinbidlu peress li ma sibniex mudelli bħalom fis-suq biex inkomplu l-kumplament tat-triq. Ghalhekk dawn minflok ser jitwaħħlu fil-playingfield tal-Gudja u minflokhom jinxtraw ohrajn. L-stima approssimattiva hija ta' madwar €5,000 il-wieħed jekk jkunu griżi skuri jew €500 aktar jekk jkunu ta' kulur ieħor bħal blu skur. Il-fanali se jkunu skond l-istandards rikjesti ta' dawl pubbliku u se jkunu qed jilluminaw kemm triq u anke il-bankina. Is-Sindku espona disinn propost. Il-Kunsill qabel li ghandna nipprocedu bil-pubblikazzjoni tal-offerta u naghzlu l-kulur graphite u naghmlu item optional ghal kulur.

48.9.11 Il-Perit Shawn Micalef qed jaħdem fuq pjanta għal tender sabiex naghmlu tip ta' pavimentar taht il-bollards. Is-Sindku propona li dawn ghandhom jitpoġġew quddiem il-monument 'il-Bank tal-Pjazza', quddiem is-Sangristija tal-Knisja kif ukoll quddiem id-daħla tal-grawnd. Il-Kunsill qabel ma' dan il-kuncett.

**48.9.12 Ġnien quddiem l-iskola Primarja** - Is-Sindku għamel referenza għad-diskussjonijiet li għaddejjin mal-Ministeru għal Għawdex sabiex jiġi ffinanzjat wkoll parti mill-proġett tal—faċċata tal-iskola bil-cladding tat-travertine u finalment jinħareġ tender wieħed. Huwa spjega li qed nistħarrgu l-possibilta li jsir culvert u jitneħħew l-arbli u wires quddiem l-iskola u ssir illuminazzjoni simili għal dak li se jkun hemm quddiem l-każini. Is-Sindku rrefera wkoll li l-Perit Godwin Sultana bhala Perit fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex ghandu progett li il-faccata kollha tal-iskola tinkesa kollha bl-irham. Il-Kunsill fahhar din l-inizjattiva u qabel li malli jsir qbil ghandhom jigu ppublikati l-offerti relatati.

**48.9.13 Proġett Water Catchment Pjazza tad-Dehra** - Is-Sindku spjega kif il-Perit Godwin Sultana qiegħed jlesti dokument tat-tender biex appena jipprovihomlna jigi ppublikat.

**48.9.14 Triq Daħlet l-Għama** - Is-Sindku spjega kif l-offerta giet evalwata u ser tigi awarded sabiex eventwalment jinbeda x-xoghol mehtieg.

**48.10 Attivita' St. Patricks**

48.10.1 Is-Sindku ghamel referenza ghas-St. Patrick's Event u għall-preparamenti

tagħha.

48.10.2 Is-Sindku spjega kif bħala dħul għal din l-attivita' , id-direttorat tal-Kultura se jtina €5,000 għal din l-attivita kif ukoll is-self tal-palk. Ninsabu f'diskussjonijiet ma' Farsons fejn s'issa offrewlna €300 kif ukoll xi materjal promozzjonali. Il-Kunsill qabel li ghandu jinkariga lin-Nursery tal-Footbal sabiex jarmaw bil-bar u ikel bi qliegħ għalihom.

48.10.3 Huwa spjega kif bħala bands għadna ibbukjati lil '*Out of the Blues*' li jibdew fit-3.00pm, wara jkollna il-Band '*Strait Ahead*' u finalment '*Upper Lips*' . Ser ikollna wkoll DJ li jdoqq bejn il-bands u jippreżenta. Bħala spejjes jifdal dawk li huma tiżjin, sound u dawl flimkien ma' dawk ta' promozzjoni.

48.10.4 Bħala sound ġbarna stima mingħand Prostage għall-prezz ta' €2,500 inkluż VAT . Il-barman tal-football infurmana li jixtiequ jgħinu fil-promotion u wkoll ġabilna stima ta' €800 għall-istess sound mingħand Highend. Il-Kunsill qabel li ghandu jipproċedi mal-orħos offerta.

**48.11 Attivita' Festa Roti**

48.11.1 Is-Sindku rrefera għall-Festa Roti 2023 u għall-preparamenti tagħha li diġa nbdew inkluż ir-risk assessment, ordni tat-timing, reklamar etċ. L-attivita' ser issir is-Sibt 25 ta' Marzu 2023 bil-kollaborazzjoni ta' RUST.

48.11.2 Għal din l-attivita' id-Direttorat tal-Kultura ser jagħtina is-somma ta' € 3,000.

**48.12 Project Green**

48.12.1 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għall-Community Grant li ġiet mnedija bl-isem Project Green. L-applikazzjoni tagħlaq nhar it-28 ta' Frar 2023.

48.12.1 Is-Sindku propona li bħala proġett green huwa idejali li napplikaw għall-kumplament tal-proġett tal-Playing Field Amabile Cauchi u t-tisbiħ tal-madwar peress li l-permess tal-iżvilupp wasal biex jinħareġ. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

48.12.2 Huwa rrefera wkoll għall-ħtieġa wkoll li jsir 'Groundwater Risk

Assessment for Stormwater Infiltration Project' bħala parti mir-rekwiżit tal-MRA/EWA. L-istima ta' dan l-istudju hija ta' €2120 + VAT minn Marco Cremona ta' Sustech Ltd u se tiġi ffinanzjata mill-fondi li ingħataw ta' €200,000 mill-LIFE għal proġett tal-Playingfield Amabile Cauchi u tindif tal-ilqugħ tal-Wied ta' Simirat. Il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi fuq dan l-istudju.

**48.13 Aktar Sigurta madwar Għajnsielem**

48.13.1 Fid-dawl ta' għadd ta' rapporti ta' serqiet f'Għajnsielem, is-Sindku spjega kif is-sitwazzjoni f' Għajnsielem bħalissa hija nkwetanti u kif huwa esprima l-konċern tiegħu quddiem l-awtoritajiet u dawn wegħduna li qed jsiru patrols mill-puluzija kull filghaxija madwar il-lokalita'. Il-Puluzija filmkien mal-Community Police qed jaħdmu fuq numru ta' każi.

48.13.2 Madanakollu, is-Sindku saħaq għall-aktar sigurta madwar ir-rahal u ghalhekk kif anke gie msemmi fl-laqgha precedenti ghandu jibda programm ta' installazzjoni ta' CCTVs madwar il-lokalita b'mod partikolari f'dawn il-postijiet biex ikollna zoni kbar li huma rrikordjati minn CCTV ghal kontra vandalizmu u kriminalita fosthom fi:-

- Pjazza tad-Dehra u playingfield Amabile Cauchi (se jigu nstallati fil-ġranet li jmiss)
- Pjazza Indipdenza u parti minn Pjazza Madonna ta' Loreto (mal-Każin tal-PN)
- Bini tal-Kunsill (Triq Chambray u Gnien quddieml-Kunsill)
- Triq Xatt l-Aħmar
- Pjazza Tolfa
- Playingfield Gudja

48.13.3 Il-Kunsill qabel ma' dan il-pjan u li l-access ghall-informazzjoni ta' dawn il-Cameras ghandha tkun biss f'idejn il-Pulizija u LESA.

48.13.4 Sar qbil ghalhekk li jigi wkoll introdott sistema bazika ta' neighbourhood watch fejn f'kull triq jkun hemm skeda biex f'ġurnata partikolari tal-ġimgħa residenti jkun ta' għassa għal dak li jista jkun ta' tħassib fiż-żona. Rigward l-introduzzjoni tan-neighbourhood watch sar qbil li ghandna naghmlu laqgha mal pulizija li triq triq ikun hemm 5 minn nies li kull gurnataa jittawlu u jaraw li jkun kollox sewwa u filkaz jirrapportaw. Il-kunsillier Teddy Saliba issugerrixxa li ssir laqgha ghal kull min hu nteressat li jservi f'dan il-progett.

**48.14 Hrug ta' Offerta għal-Latrina Pubblika Mgarr**

48.14.1 Sar qbil li għandna nerġgħu noħorġu mill-ġdid l-offerta għall-pubbliku għat-tindif u manutenzjoni tal-Latrina Pubblika tal-Imġarr.

**48.15 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

48.15.1 Ġiet prezentata l-iskeda tal-pagamenti bin-numru 119 għall-approvazzjoni. Il-pagamenti ġew approvati.

**48.16 Materji oħra**

48.16.1 Ġiet trattata t-talba mingħand resident sabiex issir sleeping police fi Trejqet Dun Karm Cassar. Sar qbil li din għandha anda tigi diskussa aktar fid-dettal ma Transport Malta u jittiehed approval mill-ġirien.

48.16.2 Ġiet tratta t-talba għall-dog litterbin fi Triq il-Qigħan. Sar qbil li dan għandu jiġi nkluż mal-proġett ta' tisbiħ.

48.16.3 Ġiet trattata wkoll talba oħra għall-sleeping police fi Triq il-Qigħan. Sar qbil li għandna naraw jekk tridx issir bit-tarmak.

48.16.4 Ġiet trattata t-talba għal bozza ġdida fi Triq Ġużeppi Cali ma' Cescade Court. Sar qbil li jekk hemm arblu fil-qrib għandha ssir.

**48.17 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

48.17.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7:30pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Hamis 30 ta' Marzu 2023 fl-4:00pm.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**